MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Numru. 901/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**Vs**

**Manolito Magri ta’ 23 sena iben Emanuel u Maria Dolores Cassar, imwieled San Giljan fil-11.10.1980 u joqghod Flt1, St. Michael, Triq il-Qawsal;la, Msida. I.D. 490280M.**

**<u>Illum 17 ta’ Novembru, 2005</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra l-akkuzat Manolito Magri u cioe’ talli fil-10.1.2001 ghal habta tad-10.00 a.m. u jiem qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokumet mahsub ghal xi awtorita` pubblika,

xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz u dan bi kur tal-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 17.9.2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassara.

Rat il-kunses ta' l-Avukat Generali ghall-proeduri sommarji. (a fol.15)

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghall-proceduri sommarji. (a fol.6)

Rat li fi stadju bikri ta' l-interrogatorju Manolito Magri rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. (a fol. 6).

Ghaldaqstant qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-artikolu 188 kif ukoll taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In kwantu ghall-piena rat il-Fedina Penali tieghu.

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, anke wara li semghet lill-istess akkuzat u qeghda tikkundannah ghall-multa ta' mitejn Lira Maltin (Lm200).

Rat l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tawtorizza li l-istess multa tithallas b'rati mensili ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20) fix-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------